VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,204, 31 ta' Jannar, 2014
Taqsima B

A.L. 39 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Executive Master of Business Administration – Executive M.B.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Oridnamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Executive Master of Business Administration – Executive M.B.A. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Executive Master of Business Administration – Executive M.B.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 406 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti li jridu jidħlu fil-Kors għandu jkollhom minimu ta’ tlett snin esperjenza ta’ xogħol rilevanti minbarra xogħol li jkun sar matul studju *full-time* u għandu:

(a) jkollhom grad ta’ Bachelor f’qasam relatat mal-istudji tal-kummerċ mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri minn din l-Università jew minn università rikonoxxuta għal dan il-għan mis-Senat; jew

(b) jkollhom grad jew kwalifika professjonali rikonoxxuti għal dan il-għan mis-Senat; jew

(ċ) jkunu persuni ’l fuq minn sitta u għoxrin sena li jkollhom higher diploma jew diploma li tinkludi mhux anqas minn 90 krettu ECTS f’qasam relatat ikklassifikata mill-anqas b’Mertu minn din l-Università jew kwalifiki ekwivalenti, sakemm li huma jkunu kkunsidrati kapaċi jsegwu l-Kors bi profitt mill-Bord għad-Dħul tal-Università, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għad-Dħul tal-Fakultà u tal-Bord.”